

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 —
Sachsa Verpackung vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-79/06)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet — Għoti ta' kwoti ta' bejgħ skont iż-żona ġeografika — Tqassim tal-klijenti — Skambju ta' informazzjoni individwalizzata — Prova tal-ksur — Tul tal-ksur — Multi — Gravità tal-ksur — Proporzjonalità — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol emulattiv”

- 1. Kompetizzjoni — Akkordji — Projbizzjoni — Ksur — Ftehim u prattiki miftiehma li jikkostitwixxu ksur uniku — Imputazzjoni ta' responsabbiltà lil impriża minħabba parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat kollu kemm hu minkejja r-rwol limitat tagħha — Ammissibbiltà (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 27, 28, 33, 34)*
- 2. Kompetizzjoni — Akkordji — Parteċipazzjoni f'laqgħat ta' impriżi li għandhom għan antikompetittiv — Ċirkustanza li tippermetti, fl-assenza ta' tbeġħid mid-deċiżjonijiet meħuda, li jiġi konkluż li l-impriża pparteċipat fl-akkordju sussegwenti (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punt 29)*
- 3. Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur — Modalità ta' prova — Użu ta' sensiela ta' indizji — Grad ta' saħħa probatorja neċessarja fir-rigward tal-indizji kkunsidrati individwalment (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punt 60)*
- 4. Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma 100 % minnha (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 85-87)*

5. *Proċedura — Tressiq ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża — Kundizzjonijiet — Motiv ibbażat fuq elementi rrivelati fil-mori tal-kawża — Dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona — Fatt ġdid li jiġġustifika l-introduzzjoni tardiva ta' lment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza — Esklużjoni (Artikolu 6 TUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 48; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 44(1)(ċ) u 48(2)) (ara l-punti 91-95)*
6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Ammont massimu — Kalkolu — Dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni — Dħul mill-bejgħ akkumulat tal-kumpanniji kollha li jiffurmaw l-entità ekonomika li taġixxi bħala impriża (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punti 105-108)*
7. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità u tul tal-ksur — Ksur imwettaq minn diversi impriżi — Gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' kull waħda minnhom (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punti 135-138)*
8. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Ineżistenza ta' benefiċċju — Esklużjoni (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punt 153)*
9. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Miżura tal-impatt reali fuq il-kompetizzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' kull impriża — Natura rilevanti tad-dħul mill-bejgħ magħmul bil-bejgħ tal-prodotti suġġetti għal Prattika restrittiva (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punt 175)*
10. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv jew emulattiv tal-impriża (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, l-ewwel inċiż tal-punt 3) (ara l-punti 212, 213)*

11. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Ċirkustanzi attenwanti — Kollaborazzjoni effettiva tal-impriża fil-proċedura, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni — Inklużjoni — Kundizzjonijiet (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, is-sitt inċiż tal-punt 3) (ara l-punti 223-225)*

12. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Nuqqas ta' impożizzjoni jew tnaqqis tal-multa inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriża implikata — Neċessità li l-aġir ikun iffaċilita l-konstatazzjoni tal-ksur mill-Kummissjoni — Informazzjoni relatata ma' atti li ma jistgħux jagħtu lok għal multi skont ir-Regolament Nru 1/2003 — Insuffiċjenza ta' sempliċi rieda ta' kooperazzjoni — Evalwazzjoni tal-grad ta' kooperazzjoni pprovduta minn kull waħda mill-impriżi li pparteċipaw fl-akkordju — Osservanza tal-prinċipju ta' ugwalianza fit-trattament (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04) (ara l-punti 235-241, 244)*

13. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Iffissar tal-multa proporzjonalment għall-elementi ta' evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punt 258)*

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 KE (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll, sussidjarjament, talba għall-bidla tal-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Sachsa Verpackung Deutschland GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 —
McLoughney vs UASI — Kern (Powerball)**

(Kawża T-484/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Powerball — Trade mark verbali preċedenti mhux irregiŕtrata POWERBALL — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1)(ċ)) (ara l-punti 18, 19)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Settembru 2009 (Każ R 1547/2006-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Rory McLoughney u Ernst Kern.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Rory McLoughney huwa kkundannat għall-ispejjeż.